# TFAL BIL-ĠUĦ

Sqaq tar-raħal imnaddaf mix-xita u mir-riħ fuq; fanal tal-pitrolju fil-qiegħ, li malli jixegħluh aktarx jintefa mir-riħ. Zewġt itfal jilagħbu f'rokna.

"Hekk trid, fuq dirgħajja l-ħin kollu hux? u dak il-banju ħwejjeġ jistenna. Isa oqgħod hemm għax natik xebgħa. Ħares daqsxejn l'hawn kemm aħna sejrin tajjeb, malli mmiddu jaqbad iwerżaq! Dan x'tifel hu?"

"Mhux tifel, tifla. Aħna hekk ftehimna, tiegħek tifla u tiegħi tifel; inkella ma nilgħabx."

"U iva, għax kont insejt. Ejja nraqqduhom u mmorru flimkien għand Wenza tal-ħanut, sew sew irrid nixtri s-sapun jien. Isa Ros, għax għoddu sebaħ u għadna ma għamilna xejn."

It-tifel ta' Marì kien dublett qadim imgerbeb u marbut taparsi pupu, u dak ta' Rosi kien biċċa liżar ikħal mibrum u marbut b'qafla. Marì qalet lil Rosi:

"Ros, tgħid nitfa' biċċa ta' dublett fuqi, jew niġi kif jien?"

"Jien ingħid għalija m'iniex sa noħroġ b'dal-ħmieġ ta' lbies. Ejja nbiddlu daqsxejn," weġbitha Rosi.

Iż-żewġt itfal qabdu 'l uliedhom u bi snienhom u b'difrejhom qattgħulhom il-qfieli ta' madwarhom, f'daqqa ta' għajn, waħda għamlitu għonnella, u l-oħra fetqitu u gerbitu madwarha bħal dublett, u flimkien telqu għax-xirja.

"Aħjar ingħaġġlu li ma jmorrux iqumulna dawk it-tfal," qalet Rosi huma u sejjrin.

Kienet kesħa tidħol fil-għadam, u Rosi u Marì, li bil-kemm kellhom x'jilbsu, dawk iż-żewġ dniedel ħassewhom jaħjuhom.

Fit-triq Marì ltaqgħet ma' ħuha u marret tiekol; u Rosi weħidha baqgħet sejra lejn darha. Xħin waslet, sabet fuq il-għatba tad-dar il-ħuha bil-qiegħda jħabbat b'rasu l-bieb magħluq u jgħajjat. "Oħt, ġiet waħda mara u keċċietni l-barra u għalqet il-bieb."

"Mela ommi mhix hawn?"

"Ma nafx; dik il-mara qaltli li jekk noqgħod inħabbat tiġi tifgani. Ħa nara għandhiex ħila. Aħ! kemm hu ksieħ. Ara x'saqajn koħol għandi, Ros!... Ejja mmorru fejn għedtlek dak in-nhar, trid? Għandi s-sikkina t'ommi biex noqtluh u nġibuh malajr malajr. Mexxi Ros."

Iż-żewġt itfal telqu bil-ġirja lejn il-qala biex iġibu l-ħaruf tad-deheb li kien midfun x'imkien l'hemm.—Wiġi darba fil-maltemp kien semgħu jgħajjat dal-ħaruf u kien għoddu żgur li jsibu.

Bejn li l-ajru kien imsaħħab sewwa, bejn li sakemm waslu l-qala kien sar daqsxejn il-ħin, il-baħar mill-għoli tal-blat kien jidher iswed ibeżża'.

"Ħi," qalet Rosi, "imxi mmorru d-dar, niġu darb'oħra għax ġejja x-xita. Imxi ħi. Ommi qaltli li hawnekk il-baħar jibla' l-art, u min jersaq lejh jibilgħu wkoll. Araħ x'jogħla, imxi ħi."

"Oqgħod, oqgħod! isimgħu l-ħaruf. Inxeħet għal żaqqek, li ma tmurx taqa'."

U bejn il-ħsejjes tar-riħ u tal-baħar Rosi semgħetu fil-bogħod donnu tarbija tingħi.

"Smajtu Ros? Ejja ninżlu. Fejn hi s-sikkina? Hares l-isfel; intix tara ħofra fil-blat ħdejn xifer il-baħar? hemm qiegħed bil-fors."

"Kemm hu għoli! ħi, ix-xita, imxi mmorru. Għandu jkun dawk il-għasafar qegħdin igħajjtu u mhux il-ħaruf" qalet Rosi.

"Dawk gawwi, ħmar, u l-gawwi ma jgħajjatx. Isa għax qiegħed nixxarrab."

Hu u jgħid hekk Wiġi ddendel dahru lejn il-baħar, miżmum fuq minkbejh fix-xifer tar-rdum, b'dufrejh iggranfati mal-blat u sa jibda jinżel, xħin Rosi f'daqqa waħda nfexxet f'bikja.

"Xi ġralek, bużżieqa?" staqsieha Wiġi, u reġa' tela' fuq il-blat bil-qiegħda. Ix-xita kienet qiegħda tagħmih. "Xi trid tgħid?"

"Ħi," qaltlu oħtu, bejn bikja u oħra, "għandu jkun ommi mietet! Imxi mmorru d-dar. Sa jidlam u nkunu għadna hawn."

U t-tnejn irħewlha jiġru kemm jifilħu lejn id-dar. It-triq qalb ir-raba' kienet mudlama; ħemda li twaħħax; anqas kelb ma kien jinstama' jinbaħ. Imma t-tfal ma ħabbtu rashom xejn.

X'ħin waslu d-dar, bla nifs u mbeżżgħin, sabu l-bieb imbex-xaq u daħlu dritt. Fuq l-ixkaffa l-lampa kienet tixgħel tnewni, u ommhom tongħos fis-sodda u ħdejha, f'nieqa tax-xkejjer, tarbija rieqda.

"Għandna tifel," qaltilhom ommhom. "Fejn qgħadtu l-lum tfal?"

It-tfal ma weġbux; inbagħad Rosi b'nofs bikja,—in-nofs l-ieħor kien għand ħuha,—qalet: "Jomm nofs in-nhar daqq?"

"Daqq ingħid, binti!"

"Mela ejja nieklu."

Ondina Tayar